KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tal-Wieħed u Ħamsin (51) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 16 ta' Frar, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija, wara li ngħatat nofs siegħa fuq il-ħin sakemm intlaħaq il-kworum. Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sindku Perit Graziella Galea | 5.30p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Viċi-Sindku John Bray | 5.30p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Alfred Grima | 5.30p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Ray Tabone | 5.30p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Alex Bezzina | 5.30p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Jason Camilleri | 5.33p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Frank Gauci | 5.35p.m. | 8.12p.m. |
| Il-Kunsillier Peter Abela | 5.33p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Martin Zerafa | 5.40p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Ray Bartolo | 5.47p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Camilleri | 5.30p.m. | 8.30p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazjoni tal-Ħamsin (50) Laqgħa tas-Sitt Kunsill**

Il-Minuti kienu ntbgħatu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati unanimament mingħajr korrezzjonijiet.

**2.00 Punti Mqajma mill-Minuti.**

**2.01 Dwar item 3 – Korrispondenza Nru 13 Kostruzjoni ta' Taraġ f'Dawret In-Nawfraġju.**

Il-Perit tal-Kunsill Etienne Magri offra żewġ soluzjonijiet għal dan it-taraġ; waħda li jsir taraġ tal-ħadid biswit il-ħajt u oħra li jsir taraġ aktar il-barra minn mat-triq b'mod li tgħaddi għalih b'pont u b'hekk ma



**Sindku** : Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.
**Segretarju Eżekuttiv** : John J. Camilleri

jtellifx it-trejqa li hemm quddiem il-*garages (boathouses*). Il-Kunsillier Raymond Tabone u Alfred Grima qalu li huwa jopponi li jsir dan it-taraġ jekk qabel ma jiġux ikkonsultati s-sidien tal-*boathouses.* Ġie deċiż li jekk ikun diffiċli li jiġu identifikati s-sidien, jitwaħħal avviż mal-bibien tal-*boathouses* għal ħmistax-il ġurnata.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

Ġiet ippreżentata lista ta' 21 *item* ta' Korrispondenza. Il-korrispondenza u d-deċiżjonijiet huma annessi.

Dwar Korrispondenza numru 1 (Ittra mingħand Residenti – Talba biex jingħata isem lil Triq ġdida fi Triq il-Fliegu). Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Għat-Tismija tat-Toroq jintalab japprova li din tissemma għall-Kunsillier George Azzopardi jew Triq il-Qlugħ.

Dwar Korrispondenza numru 3 (talba għall-post ġdid għall-ipparkjar tat-Train Bla Linji għax-xhur tax-Xitwa), ġie deċiż li l-post għall-ipparkjar tat-Train Bla Linji fix-xhur tax-Xitwa għandu jkun hdejn il-McDonalds jekk ma tgħaddix tal-Linja iżda jekk tgħaddi fl-istess triq aktar lejn il-Gillieru quddiem it-taraġ tal-Millenium u l-ispejjeż tas-sinjali jitħallsu mis-sid tat-Train.

Dwar Korrispondenza numru 21 (talba mill-kuntrattur tal-knis is-Sur Frank Mifsud), il-Kunsill aċċetta unanimament li jħallas is-somma extra ta' Euro 300 fix-xahar għat-tbattil *extra* tal-*Bins* għax-xhur tax-Xitwa biss.

**4.00 Materji Finanzjarji.**

4.01 Tressqu listi ta' (a) **Rendikont ta' Dħul ta' Fondi,** (b) **Rendikont ta' Pagamenti,** u (c) **Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol.**

Filwaqt li ġew approvati unanimament il-lista ta' Dħul ta' Fondi u l-lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol, ġie deċiż li r-Rendikont ta' Pagamenti titħallas għal-Laqgħa tat-tkomplija ta' din il-Laqgħa wara li saret diskussjoni dwar pagamenti b'*direct orders* ta' Hall Mann Vella Tiles u Daniel Fenech għal diversi xogħlijiet relatati mat-tlestija tal-Uffiċini Amministrattivi ġodda tal-Kunsill Lokali. L-amministrazjoni intalbet titlob direzjoni mid-Dipartiment dwar dawn d-*direct orders* sal-laqgħa (tat-tkomplija) li jmiss.

4.02 F'dan l-istadju l-*accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Romina Perici Ferrante ġiet mistiedna tindirizza l-laqgħa sabiex tispjega u tirrispondi għal xi domandi dwar il-*Financial Statements* għas-sena 2011 u l-Estimi għas-sena 2012. Dawn ġew approvati unanimament kif ippreżentati minn dawk preżenti (l-Kunsilliera Alex Bezzina, Peter Abela, u Mario Camilleri kienu barra l-kamra) u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew awtorizzati jiffirmaw il-'*Financial Statements as at 31st December, 2011*'.

**5,00 Egħluq tal-Laqgħa**

Billi kien sar il-ħin ġie deċiż unanimament li l-aġenda tal-laqgħa titkompla nhar il-Ħamis 23 ta' Frar, 2012 fil-5.30p.m.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Perit Graziella Galea** | **John J. Camilleri** |
| **Sindku** | **Segretatju Eżekuttiv** |
| **23 ta' Marzu 2012** | **Ref: 55 / 2870 / 12 / OCZ** |